# IN-NEMLA U L-WERŻIEQ

*(mil-Franċiż)*

Werżieq, darba, mas-sajf kollu
Daqq u għanna bla mistrieħ,
Ħsieb id-dar u ħsieb uliedu
Qatt, kien donnu, ma jiġih.

Minn fuq siġra sejjer dejjem
Sarbut nemel dlonk kien jara,
Qamħ u dud, sew ħaj kemm mejjet,
Lejn il-bejta jġorr bil-ħrara.

Il-ħarifa ġiet u marret,
Jikseb x'jekol ma satax;
Qal: "magħmula l-biċċa tiegħi,
Naraw nissellifx bl-imgħax!"

Kutu, resaq kollu ħlewwa
Lejn in-nemla w lilha qal:
"Xbint, ftit dud li ġbart f'Awissu
Ma ttinix biex nitma t-tfal"?

"Jien fis-sajf ma stajtx inrekken
"Meħdi ngħanni lejl u nhar,
"Xtaqt tislifni biex nitrejjaq
"U xi ħaġa nieħu d-dar".

"Hux!" weġbitu, "kemm nitħabtu
"Biex fil-bart nibqgħu mrekknin!
"Int, fis-sajf ħsiebek fil-għana...
"Mela, iżfen, issa, xbin!"

T. Z.

# BIBLIJOGRAFIJA

**It-tieni Muftieħ tal-Chitba Maltija.** G. VASSALLO; faċċ. 40. The Empire Press, 1931.

Għaddew tletin sena mindu ħareġ Ġ. VASSALLO *Il-Muftieħ tal-Chitba Maltija* (Malta, 1901), ġabra tagħlim sħiħ li fuqu mxew ħafna mill-aħjar kittieba tal-Malti. Minn dak iż-żmien il-hawn tagħrif il-Malti baqa' dejjem jikber u jitqawwa. Kotru l-kotba fuq il-kitba Maltija u kotru wkoll il-kittieba tal-Malti. Fis-sena 1924 ħareġ it-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija;* fis-sena 1928 *L'Ortografia Maltese* ta' Ġ. VASSALLO, sena wara *A Manual of Maltese Orthography and Grammar* ta' A. CREMONA, barra minn ħafna tagħrif ieħor li kull darba jkun fih IL-MALTI. Il-ħedma ta' dawn it-tletin sena ried Ġ. VASSALLO jiġborha fi ktieb ieħor li, għalkemm jismu bħal ta' qablu *(Il-Muftieħ u It-Tieni Muftieħ)*, "għandu għamla oħra u tifsir aħjar" (faċċ.3).

Fil-qosor tiegħu dan il-ktieb igħarrfek b'kull ma jaħtieġ biex tikteb sewwa; imexxik fi triq wegħrija u jurik it-tfixkil biex ma taqâx fih, bħalma jaqgħu ħafna li ma jridux jaraw fejn huma mexjin. Ifisser b'reqqa ta' mgħallem it-tibdil ta' vokali u ta' konsonanti li jsir f'kull għamla ta' tiswir tal-kliem, u fil-mera ta' eżempi ħfief jurik kif għandek tikteb kliem aktar tqil, li aktarx jinkiteb ħażin minn dawk li joqogħdu fuq il-widna biss. Il-Grammâtka ma jmisshiex ħlief fejn jinħtieġ biex ifisser u jfiehem aħjar il-kitba. Hekk igħidilna li għandna niktbu *qiegħed* bħal *bierek*, u mhux *qigħed*, iżda ma jsemmi xejn fuq il-għamliet tal-verbi. Iżda nbagħad iwissina meta ma għandniex indaħħlu l-artikolu biex ifehimna li għanda niktbu *rajt 'l oħtok* u mhux *rajt l-oħtok.*

Il-ktieb jiswa ħafna għal kull min irid jitħarreġ fil-kitba Maltija, għax it-tagħlim tiegħu mibni kollu fuq is-sħiħ, iżda naħseb li jsibuh ftit u xejn tqil dawk li jridu *jibdew* jitgħallmu l-kitba Maltija. Xi reguli trid taqrahom u tarġa' taqrahom qajl qajla biex tifhimhom, u wara li tkun fhimthom tibqa tiftakar biss l-eżempi imma r-regula le; ara fost l-oħrajn faċċ. 24, parag 63. Xi reguli oħra, bħalma huma dawk fuq il *i* u *j*, *u* u *w*, daqskemm il-kittieb ried ifissirhom bir-reqqa, naħseb li huma miġjubin ftit fit-tul u b'hekk jistgħu iħabblu moħħ ta' aktar minn qarrej wieħed. Jistgħu jitqassru hekk: 1. Ġewwa l-kelma huma konsonanti (*j*, *w*) kull meta għandhom vokali ħdejhom; huma vokali (*i*, *u*) meta ma għandhom l-ebda vokali ħdejhom. 2. F'tarf il-kelma huma konsonanti